MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT MANGION

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 308/2007

**A B**
**vs**
**C B; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku; Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b' digriet tat-23 ta' Awissu 2007 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri bl-isem D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur wara li ppremetta:-

Illi l-esponent hu mizzewweg lill-intimata C B liema zwieg gie ikkuntrattat fil-31 ta' Marzu 1990;

Illi minn din ir-relazzjoni taz-zwieg hemm registrat li huma ghandhom zewgt (2) itfal: Ryan li gie registrat li twieled fit-

3 ta’ April 2007 u D li giet registrata li twieldet fit-28 ta’ Ottubru 2000.

Illi rrizulta li matul iz-zwieg, l-intimata kellha relazzjoni ma’ terzi ad insaputa tal-esponent fejn bhala konsegwenza recentement stabbilixxa suspett li fil-fatt it-tifla D m’ hiex bint l-esponent, ghalkemm hi registrata f’ ismu, liema haga tammonta ghal fraudi.

Illi l-esponent hu herqan li jigi stabbilit u konfermat jekk hu l-vera missier naturali fic-certifikat tat-twelid tal-minuri tant li kemm il-darba ipprova jikkonvinci lill-konvenuta mara tieghu biex tersaq u tistabbilixxi l-verita’ liema haga hi rrifjutat minghajr ebda raguni u spjegazzjoni valida biex b’ hekk baqghet inadempjenti.

Talab li l-Qorti:-

1. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, jekk l-esponent attur hux il-missier naturali tat-tifla minuri bl-isem D okkorrendo bin-nomina ta’ esperti medici biex isiru t-testijiet tad-demm tad-DNA;

2. Tordna l-konvenut Registratur tar-Registru Pubbliku, jekk jirrizulta li l-esponent mhux il-missier naturali biex jaghmel l-emendi necessarji fl-att tat-twelid tat-tifla minuri billi fejn hemm kull referenza ghall-esponent, ismu u/jew dettal/ji tieghu, jigu kancellati u sostitwiti, partikolarament:- fit-tieni kolonna tissostitwixxi il-frazi ‘A B’ bil-frazi ‘Father unknown’; fit-tielet kolonna jitnehha n-numru tal-karta tal-identita’ tal-esponent u cioe’ ‘0237669(M) Maltese ID card number’; fir-raba’ kolonna jitnehha n-numru ‘31’ bhala eta’ tal-esponent fid-data tat-twelid tal-minuri; fil-hames kolonna jitnehha ‘Ghaxaq Malta’ bhala l-post u pajjiz fejn twieled l-esponent; fis-sitt kolonna jitnehha l-kliem ‘Ghaxaq Malta’ bhala l-post u l-pajjiz fejn joqghod l-esponent; fl-ahhar kolonna jigi kancellat il-kliem ‘Francis B (Dead)’ bhala missier l-esponent.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda indikata mill-attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Awissu 2007 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi tal-minuri konvenuta D.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha iddikjara:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u irrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-azzjoni odjerna hija improponibbli legalment stante li l-ebda persuna ma jista' jiddisturba l-istat legittimu ta' tarbija mwielda matul iz-zwieg u dan kif jiddisponi l-artikolu 81 tal-Kodici Civili.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija wkoll improponibbli legalment stante li hija perenta in kwantu ma gietx intavolata entro t-terminu ta' dekadenza strett impost mill-artikolu 73 tal-Kap 16.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jezistux l-estremi li trid il-ligi sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna.

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenuta C B;

Rat ir-rikors tal-attur tal-25 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li jigi awtorizzat jipprocedi ai termini tal-artikolu 73 tal-Kapitolu 16 u dan in vista tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti rigwardanti t-tempestivita' o meno tal-azzjoni attrici.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2009 li permezz tieghu akkordat u laqghet ir-rikors tal-attur tal-25 ta'Frar 2009 u iddikjarat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta C B bhala sorvolati.

Rat in-nota tal-konvenuta C B tas-7 ta' Marzu 2011 li permezz taghha irtirat l-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghha u fl-istess hin ammettiet it-talbiet attrici fis-sens li hija taqbel li l-minuri konvenuta D m'hiex il-wild naturali tal-attur.

Rat l-atti kollha tal-process.

**Ikkonsidrat:-**

Fil-31 ta' Marzu 1990 l-attur izzewweg lill-konvenuta C B. Fit-3 ta' April 2007 il-konvenuta B weldet iben li mhux parti f'din il-kawza. Fit-28 ta' Ottubru 2000 il-konvenuta B

weldet lill-minuri konvenuta D. F’xi zmien l-attur issuspetta li D ma kenitx bintu tant li fi Frar 2007 mar ghand l-Analista Christopher Farrugia u talbu jaghmel id-DNA test. L-Analista’ Farrugia flimkien mal-Ispizjara Marisa Cassar irrilaxxjaw lill-attur ‘DNA Paternity Test Report’ fit-8 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu iddikjaraw li l-probabilta’ li l-attur kien missier il-minuri D huwa ta’ 0%.

L-attur ghalhekk intavola l-kawza odjerna fil-25 ta’ Lulju 2007.

Fil-mori tal-kawza, u bi qbil bejn l-attur u l-konvenuta C B, saru testijiet genetici tad-DNA fuq il-konjugi B u l-minuri D u b’rapport rilaxxjat fil-11 ta’ Jannar 2012 minn l-Ispizjara Dr. Marisa Cassar gie certifikat illi l-probabilita’ li l-attur A B huwa missier il-minuri D huwa ta’ 0%.

Jirrizulta li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 70 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:-

*(1) Ir-raġel jista’ jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ –*

*(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien f-limpossibbiltà fiżika li jgħammar ma’ martu minħabba li kien bogħod minnha, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*- omissis –*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista’ wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x’aktarx jeskludu dik il-paternità.*

*(2) Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li żewġha mhux missier it-tifel għandha tingħata konsiderazzjoni f ’kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-paternità tar-raġel……….”*

*- omissis –*

*(5) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 73, jekk fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tiddikjara illi r-raġel mhux il-missier naturali tat-tifel, din għandu jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tat-tifel u tad-dixxendenti tiegħu minn dak tar-raġel għall-kunjom xbubit l-omm.*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid tal-minuri, il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **"Wayne Vella vs Michelle Vella et noe"** moghtija fil-31 ta' Jannar 2003 meta kienet qed titratta kawza simili ghal dik odjerna:-

"Effettivament l-akkoljiment tat-talba jwassal biex b'mod retroattiv titrasforma l-istat ta' iben legittimu. U dan jista' jkollu konsegwenzi avversi mhux biss ghan-nukleju familjari izda maggorment ghall-istess minuri;

Minn naha l-ohra dejjem irid jinzamm *in forma mentis* illi ghandu jithares ukoll l-iskop guridiku salutari li ggib l-azzjoni ta' *denegata paternita'*. Dan ghaliex tali azzjoni, meta gustifikata, telimina l-element incert mahluq biss bil-presunzjoni li r-ragel ta' l-omm huwa missier it-tarbija (Artikolu 67 tal-Kodici Civili)".

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 (1) (d) tirnexxi jehtieg illi ta' lanqas jigu sodisfatti is-segwenti rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu u (b) il-wild taghha.
2. Li r-ragel jipprova li fiz-zmien bejn it-tliett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-wild hija kienet wettqet adulterju.

3. Jipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu li r-ragel huwa missier wild il-mara tieghu.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma lkoll sodisfatti. Inoltre d-dikjarazzjoni tal-omm, il-konvenuta C B, li hi taqbel li l-attur ma hux missier il-minuri D qed tinghata l-piz misthoqq ai termini tal-artikolu fuq citat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeciedi t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet sollevati billi,

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li t-tifla minuri D imwielda fit-28 ta' Ottubru 2000 ma hiex bint l-attur izda bint missier mhux maghruf;

Tilqa wkoll it-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni mitluba mill-attur fl-Att tat-Twelid numru ta' registrazzjoni 4089/2000 billi tithassar minnu kull referenza ghall-attur bhala missier l-imsemmija minuri u minflok jigi sostitwit bil-kliem "Missier mhux maghruf". Fir-rigward tal-konnotati tal-omm fejn hemm indikat "wife of the said A B" jigu kancellati minnhom il-kliem "the said".

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------